# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru 175/2016**

**Mario Sciberras**
**(I.D. Numru 412360 M)**

**vs.**

***Malta Boatman & Mooring Services Coop Ltd***
**kif rappresentata minn Joseph Farrugia, President, Adrian J. Abela, Segretarju, u Anthony Farrugia Tezorier u l-istess Joseph Farrugia, Adrian J. Abela u Anthony Farrugia fil-karigi taghhom imsemmija**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Frar, 2016, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha li jgib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 22), li permezz tieghu:

2.1. Laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontroparti ghar-risposta skont il-ligi;

2.3. Appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smiegh ghall-udjenza fid-data u fil-hin hemm indikati;

3. Rat ir-risposta datata t-18 ta' Frar, 2016, (ara fol 23);

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

5.1. Illi ghandu interess jittutela d-drittijiet tieghu;

5.2. Illi ghalhekk jixtieq li jzomm lis-socjeta` intimata milli tkompli tipprocedi bil-proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu;

5.3. Illi in effetti hu membru tas-socjeta` intimata u effettivament kien membru fundatur taghha;

5.4. Illi l-passi kkontemplati mis-socjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrenti jistghu jwasslu ghall-eventwali tkeccija tieghu mill-istess socjeta`;

5.5. Illi in effetti anke nghata terminu biex jirrispondi ghal akkuzi indirizzati fil-konfront tieghu;

5.6. Illi fil-fatt instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u gie "... kundannat ghal tkeccija temporanja ghal perjodu ta' tlett xhur ...", (ara foll 5), u nghata l-opportunita` li jappella;

5.7. Illi jirrizulta li s-socjeta` intimata ma kienitx ser taccetta li jsir l-appell tar-rikorrenti odjern, (ara foll 5);

5.8. Illi jirrizulta wkoll li l-agir tas-socjeta` intimata jikser il-principji tal-gustizzja naturali kif minnhu espressi, (ara paragrafu 11 a foll 6);

5.9. Illi *stante* li l-Bord ta' Dixxiplina tas-socjeta` intimata jista` facilment jibqa` ghaddej bil-proceduri dixxiplinari in dizamina, jitlob li t-talba in dizamina tar-rikorrenti tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi s-socjeta` intimata sintetikament tesponi s-segwenti:

6.1. Illi l-procedura odjerna tinhtieg is-segwenti biex tigi akkolta:

6.1.1. Illi ghandhom jigu protetti d-drittijiet pretizi mir-rikorrenti; u

6.1.2. Illi l-istess rikorrenti ghandu *prima facie* d-drittijiet minnhu vantati;

6.2. Illi r-rikorrenti jsostni li l-process dixxiplinarju *de quo* kif kondott mis-socjeta` intimata ma jaghtiex il-garanzija ta' smiegh xieraq, (ara foll 24);

6.3. Illi kwalunkwe decizjoni li kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti kienet giet imhassra mill-Kumitat, (ara foll 25);

6.4. Illi l-process dixxiplinarju *de quo* hu wiehed mehud u kondott a bazi tal-istatut tas-socjeta` intimata, (ara foll 25 u foll 29 *et sequitur*);

6.5. Illi l-pregudizzju lamentat mir-rikorrenti mhux wiehed irrimedjabbli;

6.6. Illi ghalhekk id-digriet gia` moghti ghandu jigi revokat *contrario imperio*;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in effetti r-rizultanzi riskontrati jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti mhux jippresta s-servizzi tieghu ghaliex ghandu problemi medici li jirrikjedu intervent kirurgiku;

7.2. Illi bejn il-kontendenti jezisti diverbju li konsegwenza tieghu ttiehdet procedura dixxiplinari mis-socjeta` intimati fil-konfront tal-intimat;

7.3. Illi pero` rizultat ta' kwistjonijiet proceduralі, dawn il-proceduri gew irtirati;

7.4. Illi *nonostante* dan, proceduri ohra qed jigu proposti fil-konfront tal-istess intimat;

7.5. Illi r-rikorrenti jippresupponi li dawn il-proceduri proposti ser ikollhom l-istess ezitu tal-ohrajn precedentement mehuda fil-konfront tieghu;

7.6. Illi ghalhekk id-drittijiet naturali tieghu ser jigu minaccjati serjament, jekk mhux addirittura miksura *stante* li l-istess membri tas-socjeta` intimata gia` esprimew ruhhom f'dan is-sens f'*emails* u f'korrispondenza minnhom mibghuta lir-rikorrenti, (ara foll 12 sa 19);

**DECIDE:**

8.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

8.1. Filwaqt li tilqa` t-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur;

8.2. Tirriafferma d-digriet provizorju precedenti taghha datat id-9 ta' Frar, 2016, u in vista tal-istess, tvarjah ukoll fis-sens li issa tiddikjara l-istess digriet favur ir-rikorrenti b'mod li issa jkun permanenti;

8.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**